MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

# 7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 9

Il-Hamis 26 ta' Lulju 2018

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1 Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, il-Kalkara fl-4 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Speranza Chircop – Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Paul Bongailas - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Christopher Bruno – Viċi Sindku
Vince Bongailas - Kunsillier

**ASSENTI**

***Ma Kienx hemm***

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Elaine Caruana – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Speranza Chircop ippresjediet il-laqgħa.

9.1 **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

***Ittra minghand is –Sur Bruno biex jigi skuzat minhabba ragnijiet ta xoghol urgenti***

9.2 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

9.2.1 Il-Minuti ġew riveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultajiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret f 'Gunju 2018.

Il-Minuti ġew moqrija w approvati fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Kunsillier Paul Bongailas

9.3 A **Komunikazzjoni mis-Sindku : Punti mis-seduta precedent ( Seduta 8)**

A1 (Punt 8.3.6 mis-seduta preċedenti )Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill bi problema ta' dgħajsa li qiegħeda mpoġġija n-naħa tax-Xewkija dan anka wara li ġiet imnaddfa l-'area' mill-awtoritajiet ikkonċernati fil-ġranet preċedenti, fejn is-sid ta' din l-istess dgħajsa l-ewwel talab permess biex ikollu ċans ineħħi d-dgħajsa għas-spejjeż tiegħu u issa ddeċieda li l-awtoritajiet jistgħu ineħħuwa.

Is-suprentendent tad-distrett informa l-Kunsill illi la darba l-eżerċizzju kien spiċċa s-sid huwa responsabbli li jneħħi d-dgħajsa minn dan is-sit għas-spejjeż tiegħu ħabba raġunijiet ovji.

Il- Kunsill qabel unanimament illi għandha tintbgħat ittra lil dan l-individwu b'data stipulati sakemm għandha titneħħa d-dgħajsa. Jekk dan jibqa' jwebbes rasu jidħol l-enfurzar skond il-liġi. Apparti minn hekk l-istess Kunsill qabel unanimament li għandha tiġi maħduma 'bye law' fuq l-area biex l-eżerċizzji li saru ma jkunux fil-vojt u l-'area' tkun tista' tiġi irregolizata fil-futur.

A2. (Punt 8.3.8 mis-seduta preċedenti ) Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop fl-

assenza tal-Viċi Sindku s-Sur Chris Bruno infurmat il-Kunsill bi proġett taż-zgħażagħ li attenda għalih ġewwa Sqallija l-istess Chris Bruno fejn fil-ġranet li ġejjin ser tkun qed tinġieb aktar informazzjoni fuq proġetti ġodda u opportunitajiet li jista' jkun hemm għaż-żagħżagħ kalkarizi. L-informazzjoni kollha għanda titella' fuq il-fb kif ukoll tintbgħat l-għaqdiet kollha tal-lokal biex b'hekk kulħadd ikollu opportunita' japplika biex jieħu sehem fi proġetti bħal dawn barra minn xtutna.

A3. (Punt 8.3.12 mis-seduta preċedenti ) dan il-punt ġie diskuss aktar tard f'din is-seduta waqt il-punti tal-kunsilliera, f'dawk tas-Sur Pawlu Bongailas.

A4. (Punt 8.3.13 D mis-seduta precedenti) Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill b'suġġeriment li hija ġiet mogħtija minn membru parlamentari fuq il-kwistjoni ta' nuqqas ta' parkeġġ u ħafna ilmenti mingħand ir-residenti ta' Triq Luigi Pisani u l-inħawi fejn spjegat illi jista' jsir arranġament għal ammont ta' nies li jkollom iċ-ċavetta tal-gate tal-parkeġġ ta' Esplora biex ikunu jistgħu jużawh pero dan ma jkoprix l-ammont ta' residenti kollha tal-inħawi dan il-għaliex illi l-parkeġġ ma jesax dak l-ammont ta' karozzi.

Is-Sinjura Sultana kif ukoll is-Sur Pawlu Bongailas saħħqu li huma ma jridux jagħmlu distinzzjoni bejn ir-residenti u b'hekk ma jaqblux ma' dan is-suġġeriment.

Is-Sur Vince Bongailas saħaq illi din il-problema għandha tintbgħat lill-Transport Malta biex forsi wieħed ikun jista' jieħu idea x'jista' jsir bħal ma fil-passat għamlu arranġamenti f'lokalitajiet oħra.

Is sinjura sultana ziedet tghid illi hi ma tistax tifhem kif parkeġġ f'żona pubblika qed jiġi meqjus bħala wieħed privat meta l-ftehim fil-bidu qabel imbena l-istess parkeġġ kien totalment differenti.

Il-Kunsill qabel illi għandha tintbgħat ittra formali lill-Prim Ministru fuq din il-kwistjoni la darba s'issa għadha ma tranġatx il-problema u r-residenti qiegħedin ikunu frustrati fejn saħansitra lanqas joħorgu fil-weekend biex ma jċaqilqux il-karozzi.

A5 (Punt 8.3.13 F mis-seduta preċedenti) Il-Kunsill qabel unanimament illi fiż-żmien li ġej ser ikunu qed jinġiebu l-'green wardens' fil-lokalita' tal-Kalkara fl-inħawi kollha u mhux in-naħa tax-Xatt biss biex għal l-ewwel jagħtu l-'warnings' in-nies imbgħad jibdew jingħataw kontravenzjonijiet fuq skart u affarijiet inġenerali biex forsi wieħed inaqqas l-abbużi li hawn fil-preżent u l-lokal ikun jidher aktar nadif. Fl-istess ħin l-istess Kunsill saħaq illi l-kuntrattur ta' ġbir tal-iskart għandu jkun imwissi biex l-iskart jiġbru fil-ħin stipulat man-

nies u mhux fix-xħin irid hu kif qiegħed jiġri ta' spiss dan l-aħħar.

9.3 B - Korrespondenza

B1 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar talba mingħand persuna li xtaqet li jsir poġġaman fin-niżla tar-Rinella lejn il-bajja.

Il-Kunsill oġġezzjona dan minħabba l-fatt illi naħa minnhom huwa ħajt tas-sejjieħ u man-naħa l-oħra l-poġġaman jiġi kontra t-traffiku u jkun ta' periklu għal min jużah apparti illi dan l-istess ħajt ma jaqax taħt il-Kunsill.

B2 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-kunsill illi minn Ottubru li ġej ser ikun qed jinġabar l-iskart organiku minn ġol lokal tal-Kalkara.

Aktar informazzjoni ser tkun qed tintbgħat ġo kull residenza kif ukoll ser jinbidel il-ġbir ta' skart normali mill-lokal hekk biex ikun kollox konformi mal-liġijiet stipulati bit-tibdil ġdid.

B3 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar talba għal 'yellow lines' quddiem garaxx partikolari ġo Triq it-Turretta minħabba illi s-sid qed isibha diffiċli biex joħroġ mill-garaxx tiegħu stess. Il-Kunsill qabel illi din it-talba għandha tintbgħat lill-Transport Malta bħas-soltu għal approvazzjoni formali fuq din it-talba.

B4 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar talba / suġġeriment mingħand resident ġewwa Triq it-Turetta rigward 'parking bays' u sitwazzjoni attwali li qed iseħħ mingħand residenti oħra li jipparkjaw kif joġobhom fl-istess area u jkunu ta' deterrent għal oħrajn.

Il-Kunsill għal darboħra qabel illi dan l-ilment / suġġeriment għandu jintbgħat it-Transport Malta biex isir eżerċizzju u tiġi irranġata din is-sitwazzjoni illum qabel għada b'opinjoni teknika bil-proċeduri normali.

B5 Il-kunsill qabel unanimament fuq talba biex jiżdied id-dawl ġewwa Triq Santa Filomena dan wara li inqalgħet 'arm' minn ma' faċċata privata ħabba li din id-dar qiegħeda titranġa. Ir-residenti talbu li jsir dawl ġdid għaliex l-area ġiet fid-dlam.

Is-Sinjura Sultana saħqet illi hija kienet diġa' tellat din it-talba fis-seduta preċedenti. Is-Seg Eżek skużat ruħha għaliex skond hi dan il-punt ma ġiex imniżżel u hi ma kinitx taf dwar din it-talba.

B6 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat lill-Kunsill dwar talba / suġġeriment minn naħa tal-organizzazjoni Wirt il-Kalkara fejn dawn tal-aħħar ġabu fondi biex isir monument tas-salib ġewwa l-pjazzetta tal-blokk tal-housing fil-bidu ta' Triq is-Salvatur. Din l-istess organizzazjoni bagħtet ukoll disinn u pjanta ta' dak kollu imsemmi hawn fuq bħala dettalji fuq dan il-proġett.

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni kif ukoll talab illi jibqa' jigi involuti fil-proċess ta' dan l-istess monument bħala informazzjoni ġenerali.

B7 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar ilment mingħand l-owner tal-ħanut tal-pastizzi stazzjonat ix-Xatt dan wara li skond kif qal hu mar ukoll għand membru parlamentari fuq din il-kwistjoni, fejn ta' kull sena ikun hemm disgwit fil-ġimgħa tal-festa mal-każin tal-Malta minħabba l-armar viċin il-ħanut tiegħu li għal mument ikollu saħansitra ineħħi parti mill-imwejjed ta' quddiem il-ħanut biex tkun tista' tgħaddi l-istatwa.

Is-Sinjura Sultana qalet illi biex il-Kunsill jaġevola l-każini qiegħedin jiżdiedu l-ilmenti tar-residenti u tal-ħwienet.

Is-Sur Pawlu Bongailas saħaq illi bħala Kunsill ma jistax jindaħal fejn jintrama / jgħaddi l-armar /statwi tal-festa u apparti minn hekk il-kultura għandha tiġi qabel l-imwejjed u s-siġġijiet tal-ħwienet tal-lokal.

Is-Sur Vince Bongailas qal illi xorta għandu jkun hemm kompromess għaliex kulħadd għandu dritt jaqla' lira fil-ġimgħa tal-festa.

Is-Sinjura Sindku saħħqet illi bħal ma kienet minn dejjem u f'kull lokal il-festa għandha tieħu prijorita' fuq affarijiet oħra dan minħabba li tiġi darba fis-sena biss.

B8 Is-Seg Eżek ġiet mitluba tissetja meeting mas-Sur Jonathan Gambin fejn dan qed jitlob permess itwal ta' mobile office milli oriġinarjament talab qabel ma jinħareg permess ġdid dan wara li din ir-rikjesta kienet diġa ġiet diskussa f'seduti preċedenti.

B9 Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni kif ukoll qabel unanimament illi għandu jingħad refund lura lil residenti li ġarrbet danni fil-karozza tagħha minħabba ħadida ta' skip li tħalliet fuq sit ġewwa Triq Melchiorre De Robles dan wara li l-iskip kienet ila li tneħħiet żmien. Il-Kunsill irreveda d-dokumenti kollha mibgħuta mill-istess resident waqt din is-seduta fuq dan il-każ.

B10 Il-Kunsill qabel unanimament fuq dawn iż-żewġ 'bye laws' imsemmijin hawn taħt biex jitkompla l-proċess u dawn l-istess 'bye laws' jidħlu fis-seħħ mill-aktar fiż possibli ġol lokal tal-Kalkara:

Bajja tar-Rinella- armar ta' gazebos u kampijiet.
Xewkija – dgħajjes skond il-liġi.

Dawn il-'byelaws' ser jiġu irreveduti mill-avukat tal-Kunsill biex wieħed ikun konformi mal-liġijiet kollha qabel ma jidħlu fis-seħħ skond il-proċeduri tad-dipartiment.

9.3.C Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar ħafna lmenti mingħand residenti li joqgħodu fil-viċinanzi ta' Santu Rokku fejn dawn semaw illi l-Kunsill żmien ilu kien għamel talba lill-TM biex l-immanniġjar tat-traffiku isir wieħed 'one way' f'dik iż-żona. Ir-residenti huma totalment kontra din il-kwistjoni kif ukoll urtati għal fatt illi qed ikun hemm karozzi ipparkjati fi Triq taċ-ċimiterju tal-Inglizi li qed joħolqu konġezzjoni kbira ta' traffiku peress li l-istess triq hija '2 way' fil-preżent. Is-Sur Bruno avolja ma kienx preżenti għal din is-seduta bagħat ukoll xi kummenti fuq din il-kwistjoni lis-Seg Eżek qabel is- seduta biex tkun tista' tressaq l-istess ilment li qed tgħaddi s-Sindku.

Il-Kunsill qabel unanimament illi għandha tintbgħat notifika lill-TM biex fiż-żona isiru 'double yellow lines' kif inhu suppost biex b'hekk jitnaqqas l-inkonvenjent għal karozzi li jgħaddu min din iż-żona. Is-Sindku saħqet ukoll illi fil-fehma tagħha għandu jsir 'yellow line' fil-parti d-dejqa tat-triq u mhux iż-żona kollha.

Il-Kunsill saħaq illi jsiru d-'double yellow lines' fejn ikun hemm meħtieġ skond kif it-TM tara li hu neċċessarju.

9.3D Is-Sinjura Chircop infurmat il-Kunsill illi fil-jiem li ġejjin ser tkun qed tinħareg notifika lir-residenti rigward il-vaccine tal-influwenza bħal kull sena biex b'hekk inkunu nistgħu nibdew nieħdu l-bookings għal min ikun irid joħoda b'xejn ġewwa l-berġa tal-lokal.

9.3 E Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill illi ser tkun qed torganizza ħarga kulturali għal kulħadd aktar tard f'Settembru 2018.

9.3 F Is-Sinjura Sindku infurmat il-Kunsill illi f'Ottubru ser tkun qed tiġi mtella' attivita' tal-'Halloween' bil-kollaborazzjoni tal-appoġġ ġewwa l-bandli tal-lokal bħal ma ġieli saret fis-snin ta' qabel. L-attivita' ser tkun qed tiġi organizzata l-Ħadd 28 ta' Ottubru 2018.

9.3 G Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill illi wara emails interni bejn il-kunsilliera kollha biex jiġi identifikat post biex jimtela bil-kulur roża għal avveniment tal-Pink October għadu ser jiġi stabbilit post konkret dan wara ħafna suġġerimenti u problemi li tfaċċaw fuq il-postijiet differenti li l-kunsilliera stess issuġġerew. Hija saħħqet illi għadejja b'diskussjonijiet varji biex wieħed jieħu parir tekniku kif ukoll ma titlax l-ispiża għal Kunsill biex wieħed jagħmel dak imsemmi hawn fuq.

9.4 **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

Il-kunsillier Pawlu Bongailas

A Xewkija – din il-materja diġa ġiet diskussa fil-punti preċedenti miktubin f'dawn il-minuti.

B Festa – Is-Sur Bongailas saħaq illi għal festa tal-lokal tas-sena d-dieħla tajjeb li l-kuntrattur tat-tindif jieħu ħsieb ikollu aktar lavranti biex wieħed inaqqas mill-ilmenti tar-residenti. Is-Sur Bongailas saħaq ukoll illi din is-sena diġa kienu tnaqqsu ħafna l-ilmenti imma wieħed dejjem ikollu fejn jirranġa.

C- Ġbir ta' skart – Is-Sur Bongailas saħaq illi l-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart għandu jiġi imwissi peress li mhux qed iżomm ħinijiet stipulati skond it-tender maħruġ mill-istess Kunsill. Huwa saħaq illi dan mhux sew minħabba l-fatt illi iż-żibel qed jinħareg kmieni u jdum siegħat twal qabel ma jinġabar.

D- Devoluzzjoni – Is-Sur Bongailas staqsa fiex waslet il-kwistjoni biex jiġi organizzat meeting man-nies tal-'lands department' dan wara li hu kien mgħarraf illi n-nies li konna qed nikkomunikaw magħhom oriġinarjament inbiddlu.

Is-Sinjura Sindku ikkonfermat illi hija kellha skedat meeting fuq din il-kwistjoni pero ġie ippostponut mill-awtorita' stess ħabba raġunijiet varji. Hija saħħqet illi qed tistenna data ġdida minn naħa tagħhom biex għal darboħra tkun tista' tispejga s-sitwazzjoni ta' devoluzzjoni tal-Kunsill Lokali Kalkara li tant ilha għadejja.

E Is-Sur Bongailas għarraf l-Kunsill illi s-sotto kumitat ta' Jum il-Kalkara kien għadu ma ltaqax allura ma setax jagħti risposta fuq is-suġġeriment ta' trofew li diġa ġiet diskussa f'seduti preċedenti u li ser ikun qed jagħti dettalji /

kummenti fis-seduti li ġejjin.

## 9.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

9.5.1 Il-pagamenti kollha innutati fuq l-iskeda ta' pagamenti 7.18 ippreżentata mis-Seg.Eżek. ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera waqt din is-Seduta.

## 9.6 Mozzjonijiet

Ma kienx hemm

## 9.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

9.7.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata unanimament mill-Kunsilliera għal nhar il-Ħamis 23 ta' Awwissu 2018 fil 4:00 p.m. u spiċċat fis 6:15 ta filgħaxija.

Konfermati, illum il-Ħamis 26 ta' Lulju 2018

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Speranza Chircop<br>Sindku | Elaine Caruana<br>Segretarju Eżekuttiv |